REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/339

tas-7 ta' Marzu 2018

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 dwar il-liċenzji tal-importazzjoni għall-prodotti tal-ħalib li joriġinaw fl-Iżlanda u li jidderoga minnu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness V tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli li sar abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 ([2]), jipprovdi żieda fil-kwoti tariffarji annwali bla dazju u għall-introduzzjoni ta' kwota ġdida għal ġobnijiet.

(2) Il-kwantitajiet tal-kwota l-ġodda japplikaw mill-1 ta' Mejju 2018. Konsegwentament, permezz ta' deroga mill-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ([3]), jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu ġdid mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru 2018 li jissostitwixxi l-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2018, u l-kwantitajiet għall-perjodu l-ġdid jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-Punt I.I tal-Anness I ta' dak ir-Regolament kif emendati b'dan ir-Regolament.

(3) Il-perjodu ta' applikazzjoni jippreċedi t-tmiem tal-proċedura ta' approvazzjoni biex l-applikanti jiġu awtorizzati jimportaw skont il-kwoti sa mill-1 ta' Lulju 2018. Sabiex l-applikanti li għadhom mhux fuq il-lista ta' approvazzjoni jipparteċipaw fl-allokazzjoni tal-kwota għall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru 2018, għandha tiġi prevista d-deroga mill-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001.

(4) Il-perjodu biex jitressqu applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni għall-ewwel sitt xhur tal-2018, kif stipulat fl-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, skada. Għalhekk, permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(1)(b) ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jsir provvediment għal perjodu ġdid ta' applikazzjoni għal-liċenzja mill-1 sal-10 ta' April 2018.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-Artikolu 5, il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(i) il-kwoti pprovduti fl-Anness V tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 (*) ("il-Ftehim mal-Iżlanda")

(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli (ĠU L 274, 24.10.2017, p. 57).";

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1913 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli (ĠU L 274, 24.10.2017, p. 57).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa (ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29).

(b) Il-Parti I.I tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 hija sostitwita bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Deroga mir-Regolament (KE) Nru 2535/2001

1. B'deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, il-kwantitajiet stipulati fil-punt I.I tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, il-perjodu ta' sitt xhur mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2018 għandu jkun sostitwit bil-perjodu bejn l-1 ta' Mejju sal-31 ta' Diċembru 2018.

2. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, minbarra l-importaturi inklużi f' lista, l-applikanti li jkunu ressqu talba valida għall-approvazzjoni qabel l-1 ta' April 2018 skont l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament għandhom ukoll ikunu awtorizzati japplikaw għal liċenzji għall-kwoti għall-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(1)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001, l-applikazzjonijiet għal-liċenzja tal-importazzjoni għall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru 2018, għandhom jitressqu bejn l-1 u l-10 ta' April 2018 għall-kwantitajiet stabbiliti fil-Punt I.I tal-Anness I ta' dak ir-Regolament kif emendat b'dan ir-Regolament.

4. L-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jirrelataw ma' mhux inqas minn 5 tunnellati u mhux aktar mill-kwantità disponibbli. L-ebda applikazzjoni ma għandha titressaq għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2018.

5. Il-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa għal applikazzjonijiet mressqa skont il-paragrafu 3 għandhom ikunu validi sal-31 ta' Diċembru 2018.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Għandu japplika mill-1 ta' April 2018.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

"**I.I**

Kwoti tariffarji taħt l-Anness V tal-Ftehim mal-Iżlanda approvat bid-Deċiżjoni (UE) 2017/1913

Kwota annwali mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru

(Kwantità f'tunnellati)

Dazju applikabbli: eżenzjoni

Numru tal-kwota		**09.4225**	**09.4226**	**09.4227**
Deskrizzjoni (*)		**Butir naturali**	**"Skyr"**	**Ġobon**
Kodiċi NM		0405 10 11 0405 10 19	ex 0406 10 50 (**)	ex 0406 **Minbarra "Skyr" tal-intestatura 0406 10 50 tan-NM** (**)
Kwantità bejn Mejju – Diċembru 2018		201	*793*	9
Kwantità annwali fl-2019		439	2 492	31
Kwantità bejn Jannar – Ġunju		220	1 246	16
Kwantità bejn Lulju – Diċembru		219	1 246	15
Kwantità annwali fl-2020		463	3 095	38
Kwantità bejn Jannar – Ġunju		232	1 548	19
Kwantità bejn Lulju – Diċembru		231	1 547	19
Kwantità annwali minn 2021 u wara		500	4 000	50
Kwantità bejn Jannar – Ġunju		250	2 000	25
Kwantità bejn Lulju – Diċembru		250	2 000	25

(*) Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li ma għandhomx aktar minn valur indikattiv, bl-arranġamenti preferenzjali ddeterminati, fil-kuntest ta' dan l-Anness, mill-kopertura tal-Kodiċijiet tan-NM. Fejn huma msemmija kodiċijiet ex NM, l-arranġamenti preferenzjali għandhom jiġu ddeterminati permezz tal-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħudin flimkien.

(**) Il-kodiċijiet tan-NM huma soġġetti għat-tibdil, fl-istennija tal-konferma tal-klassifika tal-prodott."